

Brussell, 20 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12060/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0036(NLE)

POLCOM 170
WTO 115
AGRI 417
UD 158
UK 152

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 6615/23 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 b'rabta mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fis-17 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika taċ-Ċili skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, b'rabta mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ ST 6614/23 + ADD 1.

² ST 6615/23 + ADD 1.

2. Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 6618/23, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tnejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim mar-Repubblika ta' Ċili ġie ffirmat fid-9 ta' Ġunju 2023.
4. Fil-11 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan kollu, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 6618/23; u
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ ST 6617/23 (ippubblikat fil-ĠU L 86, 24.3.2023, p. 1).

⁴ ST 6619/23.